MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2008

Numru 1102/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**Raymond Briffa**

**Illum 28 ta’ Lulju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Briffa, bin John u Mary nee’ Farrugia, imwieled Paola fid-19/05/1959, li joqghod Flt 4, Triq it-Turisti, Bugibba jew Nru 43, Triq il-Gurgier, B’Buga u detentur tal-karta ta’ l-identita’ nru. 370959M.

Billi gie akkuzat talli fl-24 t’Awissu 2006 ghall-habta tal-16:15hrs fir-residenza Nru 43, Triq il-Gurgier, B’Buga, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Carmelo Vella minn San Gwann, liema ammont ta’ hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm500) imma hi izjed minn hamsin lira (Lm50);

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin hebb kontra Isabella Briffa minn Birzebbuga sabiex tingurjaha, iddejaqha jew taghmlilha hsara;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin, ingurja jew hedded lil Isabella Briffa, jew jekk kien provokat, ingurjaha b’ mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvediment ta’ l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Isabella u Christopher Briffa;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-   Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JF3 u nnutat li l-imputat Raymond Briffa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-Prosekuzzjoni qed tirtira it-tielet akkuza u ir-raba’ akkuza kif wkoll it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li nkwantu ghat-talba tal-

Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez maghmula a tenur tal-imsemmi Artikolu 533 tal-Kap 9, talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri rigward l-imsemmija talba.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu, l-imputat ammetta l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Raymond Briffa, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-imputat Raymond Briffa taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Rigward it-tielet akkuza u ir-raba' akkuza kif ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ispettur Jesmond J. Borg ghall-Prosekuzzjoni kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri rigward l-imsemmija talba maghmula a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Briffa l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------